# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

29 ta’ Ġunju 2023 *

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Direttiva 2008/50/KE – Arja ambjentali – Qbiż sistematiku u persistenti tal-valur ta’ limitu annwali stabbilit għad-dijossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) – Miżuri xierqa – Perijodu ta’ qbiż l-iktar qasir possibbli”

Fil-Kawża C-220/22,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, imressaq fil-25 ta’ Marzu 2022,

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn I. Melo Sampaio u M. Noll-Ehlers, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

**Ir-Repubblika Portugiża**, irrappreżentata minn H. Almeida, P. Barros da Costa u J. Reis Silva, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn P. G. Xuereb, President tal-Awla, T. von Danwitz (Relatur) u A. Kumin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema’ l-Avukat Ġenerali, li taqta’ l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

## Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li:

– billi qabżet, b'mod sistematiku u persistenti, il-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-dijossidu tan-nitroġenu ($NO_2$), mill-1 ta' Jannar 2010, fiż-żoni ta' Lisboa Norte (PT-3001), ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009), ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU 2008, L 152, p. 1), moqri flimkien mat-Taqsima B tal-Anness XI ta' din id-direttiva, u

– fir-rigward ta' dawn iż-żoni kollha, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50/KE, moqri individwalment u flimkien mal-Parti A tal-Anness XV tal-imsemmija direttiva, u b'mod partikolari l-obbligu tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) li tadotta miżuri adegwati sabiex il-perijodu ta' qbiż tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għas-sustanza niġġiesa inkwistjoni jkun l-iqsar possibbli.

### Il-kuntest ġuridiku

2 Il-premessi 2, 17 u 18 tad-Direttiva 2008/50 jipprovdu li:

"(2) Sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kollu, huwa partikolarment importanti li l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu jiġu miġġielda f'ras il-għajn u li jiġu identifikati u implimentati l-miżuri l-aktar effettivi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u Komunitarju. Għalhekk, għandhom jiġu evitati, impeduti jew imnaqqsa l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja u li jagħmlu l-ħsara u għandhom jiġu stabbiliti objettivi adegwati għall-kwalità ta' l-arja ambjentali b'kont meħud ta' l-istandards, il-linji gwida u l-programmi rilevanti ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (OMS).

[…]

(17) Il-miżuri Komunitarji neċessarji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mis-sors tagħhom, b'mod partikulari il-miżuri biex isir titjib fl-effettività tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-emissjonijiet industrijali, biex tiġi limitata l-emissjoni tad-duħħan minn magni stallati f'vetturi kbar, biex isir iżjed tnaqqis fl-emissjonijiet nazzjonali permessi ta' sustanzi li jniġġsu ewlenin u fl-emissjonijiet assoċjati mal-mili mill-ġdid tal-karburant ta' karozzi li jaħdmu bil-petrol fl-istazzjonijiet tas-servizz, u biex jiffaċċjaw il-kontenut tal-kubrit ta' fjuwils li jinkludu l-fjuwils tal-baħar, għandhom ikunu evalwati kif jixraq bħala prijorità mill-istituzzjonijiet involuti kollha.

(18) Għandhom jiġu żviluppati pjanijiet dwar il-kwalità ta' l-arja għal żoni u agglomerazzjonijiet li fihom il-konċentrazzjonijiet ta' inkwinanti fl-arja ambjentali jaqbżu l-valuri mmirati jew il-valuri ta' limitu rilevanti tal-kwalità ta' l-arja, flimkien ma' kwalunkwe marġini ta' tolleranza temporanja, fejn applikabbli. L-inkwinanti ta' l-arja jiġu minn ħafna sorsi u attivitajiet differenti. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn linji politiċi differenti, tali pjanijiet dwar il-kwalità ta' l-arja għandhom ikunu konsistenti fejn fattibbli, u jkunu integrati mal-pjanijiet u l-programmi ppreparati skond id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta'

ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni [ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 299], id-Direttiva 2001/81/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi ta' l-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 320)], u d-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali [ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 101]. Ser jitqiesu bis-sħiħ ukoll l-għanijiet għall-kwalità ta' l-arja ambjentali stipulati f'din id-Direttiva, meta jingħataw permessi għall-attivitajiet industrijali skond id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis [ĠU 2008, L 24, p. 8]."

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/50, intitolat "Suġġett", jipprovdi fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri mmirati lejn dan li ġej:

1) id-definizzjoni u d-determinazzjoni ta' objettivi fir-rigward tal-kwalità ta' l-arja fl-ambjent maħsuba sabiex jevitaw, jimpedixxu jew inaqqsu l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kollu;

2) il-valutazzjoni tal-kwalità ta' l-arja fl-ambjent fl-Istati Membri fuq il-bażi ta' metodi u kriterji komuni;

3) il-ksib ta' informazzjoni dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent bħala għajnuna sabiex ikun miġġieled it-tniġġis ta' l-arja u l-fastidju u sabiex ikunu ssorveljati x-xejriet għal perijodu fit-tul u t-titjib li jirriżulta minn miżuri nazzjonali u Komunitarji".

4 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi, fil-punti 5, 7, 8, 16, 18 u 24:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

5) 'valur ta' limitu' tfisser livell fiss fuq il-bażi tal-konoxxenza xjentifika, bil-għan li jkunu evitati, prevenuti jew jitnaqqsu l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew l-ambjent kollu, li għandu jintlaħaq f'perijodu partikolari u li ma għandux jinqabeż ladarba jintlaħaq;

[…]

7) 'marġni ta' tolleranza' tfisser il-perċentwal tal-valur ta' limitu li bih jista' jinqabeż suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva;

8) 'pjanijiet dwar il-kwalità ta' l-arja' tfisser pjanijiet li jistabbilixxu miżuri sabiex jintlaħqu l-valuri ta' limitu jew il-valuri mmirati;

[…]

16) 'żona' tfisser parti mit-territorju ta' Stat Membru, delimitata minn dak l-Istat Membru għall-finijiet tal-valutazzjoni u l-ġestjoni tal-kwalità ta' l-arja;

[…]

18) '$PM_{10}$' tfisser il-materja partikulata li tgħaddi minn daħla selettiva skond id-daqs kif definit fil-metodu ta' referenza għall-kampjunament u għall-kejl tal-$PM_{10}$, EN 12341, b'50 % efficiency cut-off f'dijametru aerodinamiku ta' 10 μm;

[…]

24) 'ossidi tan-nitroġenu' tfisser it-total tal-volume mixing ratio (ppbv) tal-monossidu tan-nitroġenu (ossidu nitriku) u d-dijossidu tan-nitroġenu mogħtija bħala unitajiet ta' konċentrazzjoni tal-massa tad-dijossidu tan-nitroġenu (μg/m³)".

5 L-Artikolu 13 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Valuri ta' limitu u l-limiti ta' allert għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bnedmin", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet kollha tagħhom, il-livelli tad-dijossidu tal-kubrit, $PM_{10}$, iċ-ċomb u l-monossidu tal-karbonju fl-arja ta' l-ambjent ma' jaqbżux il-valuri ta' limitu stabbiliti fl-Anness XI.

Fir-rigward tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-benżina, il-valuri ta' limitu speċifikati fl-Anness XI ma jistgħux jinqabżu mid-dati speċifikati fih.

Il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti għandha tiġi valutata skond l-Anness III.

Il-marġini ta' tolleranza stabbiliti fl-Anness XI għandhom japplikaw skond l-Artikolu 22(3) u l-Arikolu 23(1)."

6 L-Artikolu 23 tal-istess direttiva, intitolat "Pjanijiet dwar il-kwalità ta' l-arja", jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Fejn, fiż-żoni jew l-agglomerazzjonijiet stipulati, il-livelli ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja ta' l-ambjent jaqbżu kwalunkwe valur ta' limitu jew valur immirat, kif ukoll kwalunkwe marġni rilevanti tat-tolleranza f'kull każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità ta' l-arja għal dawk iż-żoni u agglomerazzjonijiet sabiex jinkiseb il-valur ta' limitu jew valur immirat relatati speċifikati fl-Annessi XI u XIV.

Fil-każ ta' qabżiet ta' dawk il-valuri ta' limitu li għalihom id-data ta' skadenza sabiex jintlaħqu diġà tkun skadiet il-pjan ta' kwalità ta' l-arja għandu jistabbilixxi miżuri adegwati, sabiex il-perijodu tal-qabża jkun jista' jinżamm l-iqsar possibbli. Il-pjan għall-kwalità ta' l-arja jista' jinkludi wkoll miżuri speċifiċi li jkollhom il-ħsieb li jipproteġu gruppi sensittivi fil-popolazzjoni, inklużi t-tfal.

Dawk il-pjanijiet għall-kwalità ta' l-arja għandhom jinkorporaw ta' l-anqas l-informazzjoni elenkata fit-Taqsima A ta' l-Anness XV u jistgħu jinkludu miżuri skond l-Artikolu 24. Dawk il-pjanijiet għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien, iżda mhux aktar tard minn sentejn wara l-aħħar ta' dik is-sena fejn tkun ġiet osservata l-ewwel qabża.

Fejn għandhom jiġu preparati jew implimentati pjanijiet dwar il-kwalità ta' l-arja fir-rigward ta' diversi sustanzi li jniġġsu, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun il-każ, jippreparaw u jimplimentaw pjanijiet dwar il-kwalità ta' l-arja integrati li jkopru l-s-sustanzi li jniġġsu kollha kkonċernati."

7 L-Artikolu 27 tad-Direttiva 2008/50 jinkludi obbligi fil-qasam tal-preżentazzjoni tar-rapporti annwali dwar il-kwalità tal-arja trażmessi mill-awtoritajiet nazzjonali. Huwa jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja ambjentali

mhux iktar tard minn disa' xhur wara t-tmiem ta' kull sena, inklużi ż-żoni u l-agglomerazzjonijiet li fihom il-livelli ta' sustanza jew sustanzi niġġiesa jkunu ogħla mill-valuri ta' limitu stabbiliti f'din id-direttiva, flimkien ma' eventwali marġni ta' qbiż.

8 L-Anness XI tal-imsemmija direttiva, intitolat "Valuri ta' limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem", jistabbilixxi, fit-Taqsima B tiegħu, il-valuri ta' limitu li ġejjin għad-$NO_2$:

"[...]

| Perijodu li fuqu tinħadem il-medja | Valur ta' limitu | Marġini ta' tolleranza | Data sa meta jrid jintlaħaq il-valur ta' limitu |
|---|---|---|---|

[...]

Dijossidu tan-nitroġenu

| | | | |
|---|---|---|---|
| Siegħa | 200 µg/m3, li ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba kull sena kalendarja | [...] 0 % sa l-1 ta' Jannar 2010 | L-1 ta' Jannar 2010 |
| Sena kalendarja | 40 µg/$m^3$ | [...] 0 % sa l-1 ta' Jannar 2010 | L-1 ta' Jannar 2010 |

[...]"

9 L-Anness XV tal-istess direttiva jelenka l-informazzjoni li għandha tkun inkluża fil-pjanijiet lokali, reġjonali jew nazzjonali dwar il-kwalità ta' l-arja jew għal titjib fil-kwalità ta' l-arja ambjentali. Skont il-punt 8 tat-Taqsima A ta' dan l-anness, hija meħtieġa l-informazzjoni dwar il-miżuri jew il-proġetti adottati sabiex jitnaqqas it-tniġġis, inkluż l-l-elenkar u d-deskrizzjoni tal-miżuri kollha previsti fil-proġett ikkonċernat, il-kalendarju għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri kif ukoll l-istima tat-titjib tal-kwalità tal-arja mistennija u tat-terminu previst għat-twettiq ta' dawn l-għanijiet.

## Il-proċedura prekontenzjuża

10 Fit-28 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Portugiża dwar in-nuqqas ta' osservanza tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50 fiż-żoni ta' Lisboa Norte (PT-3001), ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009), li qabel kienet iż-żona ta' Braga (PT-1001). F'din l-ittra ta' intimazzjoni, il-Kummissjoni indikat li n-nuqqas ta' osservanza persistenti u sistematiku tal-valur ta' limitu annwali stabbilit mid-Direttiva 2008/50 kien jikkostitwixxi ksur tal-obbligu previst fl-Artikolu 13(1) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mat-Taqsima B tal-Anness XI tagħha, li jipprevedi l-obbligu li ma jinqabiżx dan il-valur ta' limitu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat li r-Repubblika Portugiża kienet ukoll f'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligu previst fl-Artikolu 23(1) tal-imsemmija direttiva, moqri individwalment u flimkien

mat-Taqsima A tal-Anness XV tagħha, li jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jieħdu miżuri xierqa sabiex il-perijodu li fih jinqabeż il-valur ta' limitu annwali stabbilit għat-tniġġiż ikkonċernat ikun l-iqsar possibbli.

11 Permezz tal-ittri tas-17 ta' Lulju 2015, tas-16 ta' Ottubru 2015 u tal-20 ta' Settembru 2017, ir-Repubblika Portugiża wieġbet għall-imsemmija ittra ta' intimazzjoni. F'dawn l-ittri, ir-Repubblika Portugiża semmiet ċertu numru ta' miżuri adottati u li kienu qegħdin jiġu adottati, f'kull waħda miż-żoni kkonċernati, sabiex jintemm il-qbiż tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50.

12 Il-Kummissjoni kompliet tissorvelja l-iżvilupp tas-sitwazzjoni u, wara l-analiżi tad-diversi tweġibiet għall-istess ittra ta' intimazzjoni, kif ukoll l-evalwazzjoni tar-rapporti annwali dwar il-kwalità tal-arja trażmessi mill-awtoritajiet Portugiżi skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2008/50, hija kkonkludiet li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kien għadu jippersisti.

13 F'dan il-kuntest, fit-13 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni bagħtet lir-Repubblika Portugiża opinjoni motivata dwar in-nuqqas tagħha li twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 2008/50. F'din l-opinjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, billi ma żguratx l-osservanza tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali minn din id-direttiva mis-sena 2010 sas-sena 2018 inkluża fiż-żoni kkonċernati, ir-Repubblika Portugiża kienet kisret b'mod persistenti u sistematiku l-Artikolu 13 tal-imsemmija direttiva, moqri flimkien mal-Anness XI tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonstatat li, billi ma ħaditx il-miżuri xierqa u suffiċjenti sabiex tiżgura l-osservanza tal-valur ta' limitu annwali ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali b'tali mod li l-perijodu li fih inqabeż dan il-valur ta' limitu stabbilit għas-sustanza li tniġġes ikkonċernat kien l-iqsar possibbli f'dawn iż-żoni, ir-Repubblika Portugiża kienet naqset, fir-rigward tagħha, milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 23(1) tal-istess direttiva, moqri individwalment u flimkien mat-Taqsima A tal-Anness XV tagħha, u, b'mod partikolari, mill-obbligu li tiżgura li dan il-perijodu ta' qbiż ikun l-iqsar possibbli.

14 It-terminu stabbilit mill-Kummissjoni għar-Repubblika Portugiża sabiex tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-opinjoni motivata ġie inizjalment iffissat għal xahrejn mid-data li fiha tirċievi din l-opinjoni. Madankollu, minħabba ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali relatati mal-pandemija tal-COVID-19, l-iskadenzi kollha pendenti fil-proċeduri ta' ksur ġew estiżi. L-iskadenza tat-terminu mogħti lil dan l-Istat Membru sabiex iwieġeb għall-imsemmija opinjoni ġiet għalhekk posposta għall-15 ta' Ġunju 2020.

15 Ir-Repubblika Portugiża wieġbet għal din l-opinjoni permezz ta' ittra tal-24 ta' Ġunju 2020. F'din l-ittra, dan l-Istat Membru ma kkontestax in-nuqqas ta' osservanza tal-valur ta' limitu annwali kkonċernat, iżda tenna u kkompleta l-informazzjoni pprovduta fit-tweġibiet tiegħu għall-ittra ta' intimazzjoni.

16 Fil-25 ta' Marzu 2022, wara li eżaminat din l-informazzjoni addizzjonali, il-Kummissjoni qieset li r-Repubblika Portugiża kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 2008/50 u ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE.

**Fuq ir-rikors**

***Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq ksur sistematiku u persistenti tad-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 13(1) u tal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50***

*L-argumenti tal-partijiet*

17 Permezz tal-ewwel ilment tagħha, il-Kummissjoni ssostni li, billi qabżet, b'mod sistematiku u persistenti, il-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50, mill-1 ta' Jannar 2010, fiż-żoni ta' Lisboa Norte (PT-3001), ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009), ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13(1) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mat-Taqsima B tal-Anness XI tagħha.

18 Preliminarjament, il-Kummissjoni tirrileva li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-fatt li jinqabżu l-valuri ta' limitu stabbiliti għas-sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali huwa biżżejjed fih innifsu sabiex ikun jista' jiġi kkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 13(1) u tal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50. Il-Kummissjoni tirreferi, b'mod partikolari, għas-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri ta' limitu – $NO_2$) (C-635/18, EU:C:2021:437, punt 78).

19 Il-Kummissjoni tfakkar, barra minn hekk, li l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata skont is-sitwazzjoni tal-Istat Membru prevalenti fi tmiem it-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, jiġifieri, f'dan il-każ, il-15 ta' Ġunju 2020.

20 Issa, f'dan il-każ, ir-rapporti annwali dwar il-kwalità tal-arja trażmessi mir-Repubblika Portugiża wrew li l-valur ta' limitu annwali previst għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50 kien inqabeż b'mod sistematiku u persistenti, mis-sena 2010, fiż-żoni ta' Lisboa Norte (PT-3001), ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009). Barra minn hekk, ma teżistix tendenza koerenti għat-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali f'dawn it-tliet żoni.

21 Fir-rigward taż-żona ta' Lisboa Norte (PT-3001), il-valuri annwali ta' konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali, imkejla f'$\mu g/m^3$, kienu dawn li ġejjin, jiġifieri 65 fl-2010, 61 fl-2011, 58 fl-2012, 53 fl-2013, 53 fl-2014, 59 fl-2015, 57 fl-2016, 60 fl-2017, 61 fl-2018, 55 fl-2019, 40 fl-2020. B'hekk, qbiż tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50 kien ġie kkonstatat kull sena, mis-sena 2010 sas-sena 2019, b'tendenza ta' żieda fil-konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali mis-sena 2016 sas-sena 2018. Il-livell milħuq minnhom fl-2019, jiġifieri 55 $\mu g/m^3$, kien ogħla b' 37 % minn dan il-valur ta' limitu annwali. L-imsemmi valur ta' limitu annwali ġie osservat biss fl-2020.

22 Fir-rigward taż-żona ta' Porto Litoral (PT-1004), il-valuri annwali ta' konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali, imkejla f'$\mu g/m^3$, kienu dawn li ġejjin, jiġifieri 51 fl-2010, 48 fl-2011, 47 fl-2012, inqas minn 40 fl-2013, 47 fl-2014, 65 fl-2015, 75 fl-2016, 54 fl-2017, 62 fl-2018, 48 fl-2019 u 40 fl-2020. B'hekk, qbiż tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50 kien ġie kkonstatat kull sena, ħlief fl-2013 u fl-2020, peress li l-konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali żdiedu b'mod sinjifikattiv mis-sena 2014

sas-sena 2016, qabel ma naqsu fl-2017, sabiex jerġgħu jiżdiedu fl-2018 u, fl-aħħar nett, sabiex jonqsu ftit fl-2019. Il-livell milħuq fl-2019, jiġifieri 48 µg/m$^3$, ikun 20 % ogħla minn dan il-valur ta' limitu annwali.

23 Fir-rigward taż-żona ta' Entre Douro e Minho (PT-1009), il-valuri annwali ta' konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali, imkejla f'µg/m$^3$, kienu dawn li ġejjin, jiġifieri 48 fl-2010, inqas minn 40 fl-2011 u fl-2012, 50 fl-2013, 44 fl-2014, 46 fl-2015, 55 fl-2016, 55 fl-2017, 50 fl-2018, 57 fl-2019 u 32 fl-2020. B'hekk, qbiż tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50 kien ġie kkonstatat fl-2010, kif ukoll mis-sena 2013 sas-sena 2019. Il-konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali rreġistrati naqsu kemxejn bejn is-sena 2013 u s-sena 2014, qabel ma żdiedu bejn is-sena 2016 u s-sena 2017, sabiex jerġgħu jinżlu ftit fl-2018 u, fl-aħħar nett, jiżdiedu wkoll fl-2019, billi laħqu livell ta' 57 µg/m$^3$, jiġifieri livell ogħla ta' 42 % minn dan il-valur ta' limitu annwali.

24 Fir-rigward tad-data dwar is-sena 2020, il-Kummissjoni tirrileva li din kienet influwenzata ħafna mir-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija tal-COVID-19, li ġew implimentati fir-rebbiegħa tas-sena 2020, u għalhekk għandha tiġi evalwata fid-dawl ta' dan il-kuntest partikolari ħafna. Il-Kummissjoni ssemmi diversi studji xjentifiċi li jikkorroboraw ir-rabta kawżali bejn, minn naħa, dawn ir-restrizzjonijiet u l-impatt tagħhom fuq it-traffiku fit-toroq u, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis konsiderevoli tal-livelli ta' konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali. Minn dan il-Kummissjoni tikkonkludi li ma tantx huwa probabbli li dan it-tnaqqis jinżamm fiż-żmien, wara t-tneħħija tal-imsemmija restrizzjonijiet. Il-fatt li r-Repubblika Portugiża ddikjarat li osservat il-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fid-Direttiva 2008/50 fl-2020 għalhekk fl-ebda każ ma jippermetti li jiġi konkluż li kien intemm il-qbiż sistematiku u persistenti preċedentement ikkonstatat.

25 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, taż-żoni ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009), il-Kummissjoni tippreċiża wkoll li, għas-sena 2020, ir-Repubblika Portugiża ma pprovdiet l-ebda data dwar il-punti ta' kampjunar fejn qbiż tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50 kien ġie kkonstatat matul is-snin preċedenti, jiġifieri, rispettivament, il-punt ta' kampjunar João Gomes Laranjo-S. Hora (PT 01030) u l-punt ta' kampjunar Fr Bartolomeu Mártires-S. Vítor (PT 01041).

26 Issa, il-Kummissjoni tosserva li, sabiex jiġi konkluż li nqabeż il-valur ta' limitu stabbilit fl-Anness XI tad-Direttiva 2008/50 għall-medja kkalkolata għal kull sena kalendarja, huwa biżżejjed li livell ta' tniġġis li jaqbeż dan il-valur jitkejjel f'punt ta' kampjunar iżolat. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2019, Il-Kummissjoni vs Franza (Qbiż tal-valuri ta' limitu għad-diossidu tan-nitroġenu) (C-636/18, EU:C:2019:900, punt 44). F'dan ir-rigward, l-assenza ta' komunikazzjoni tad-data dwar il-kwalità tal-arja għal punt ta' kampjunar fejn kien diġà ġie kkonstatat qbiż, mingħajr ma ġiet ipprovduta ġustifikazzjoni adegwata, toħloq dubju dwar l-osservanza tal-valur ta' limitu annwali fiż-żewġ żoni inkwistjoni.

27 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tirrileva li, fi kwalunkwe każ, ir-Repubblika Portugiża ma kkontestatx in-nuqqas ta' osservanza tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50 għat-tliet żoni kkonċernati, b'tali mod li dan l-Istat Membru kien ammetta l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu f'dan ir-rigward.

28 Fir-risposta tagħha, ir-Repubblika Portugiża ssostni li, għaż-żona ta' Lisboa Norte (PT-3001), qbiż persistenti tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50 ġie kkonstatat biss fl-istazzjon ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja tal-Avenida da Liberdade, li jinsab fiċ-ċentru ta' Lisbona (il-Portugall), f'żona mibnija b'mod intensiv, madwar waħda mir-rotot prinċipali tat-traffiku fit-toroq.

29 Fir-rigward taż-żoni ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009), filwaqt li tammetti sitwazzjoni kontinwa ta' nuqqas ta' osservanza tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50 sas-sena 2019 inkluża, ir-Repubblika Portugiża tippreċiża li l-assenza ta' data fl-2020 għall-punti ta' kampjunar João Gomes Laranjo-S. Hora (PT 01030) u Fr Bartolomeu Mártires-S. Vítor (PT 01041) hija spjegata minn problemi funzjonali li affettwaw l-analizzaturi ta' $NO_2$, li wasslu għall-invalidazzjoni tal-miżuri meħuda, kif ukoll is-sostituzzjoni ta' dawn l-analizzaturi. Dawn il-problemi ġew identifikati sa mis-sena 2017, iżda miżuri speċifiċi sabiex jiġu solvuti setgħu jittieħdu biss fl-2021.

30 Madankollu, skont ir-Repubblika Portugiża, fid-dawl tal-kuntest partikolari ħafna tas-sena 2020, li matulu l-kampjuni ġew affettwati mill-miżuri ta' konfinament marbuta mal-pandemija tal-COVID-19, u minkejja l-eżistenza ta' dubju dwar l-osservanza tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50 f'dawn iż-żewġ punti ta' kampjunar, huwa probabbli li dan il-valur ta' limitu jkun ġie osservat.

31 Barra minn hekk, ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-qbiż ikkonstatat jista' jiġi spjegat mill-effikaċja limitata tal-leġiżlazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea intiżi sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass tal-egżost, li żvelata fil-kuntest tal-kawża msejħa "dieselgate", fl-2015. Il-miżuri meħuda fil-livell tal-Unjoni sabiex titjieb din l-effikaċja kienu għadhom ma pproduċewx l-effetti mistennija.

32 Fl-aħħar nett, ir-Repubblika Portugiża tirrileva li l-pandemija tal-COVID-19 kellha wkoll l-effett negattiv li ssaħħaħ l-użu ta' trasport privat individwali, għad-detriment tat-trasport pubbliku, filwaqt li l-użu ta' dan tal-aħħar kellu t-tendenza li jikber qabel is-sena 2020.

33 Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni tfakkar li, fir-rigward taż-żona ta' Lisboa Norte (PT-3001), qbiż persistenti f'punt ta' kampjunar iżolat huwa biżżejjed sabiex jiġi kkonstatat in-nuqqas ta' osservanza tal-valuri limitu stabbiliti fl-Anness XI tad-Direttiva 2008/50. Konsegwentement, anki jekk qbiż ġie kkonstatat biss fl-istazzjon tal-Avenida da Liberdade, dan huwa biżżejjed sabiex juri n-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-anness għaż-żona ta' Lisboa Norte.

34 Fir-rigward tan-nuqqas ta' data fl-2020 għall-punti ta' kampjunar João Gomes Laranjo-S. Hora (PT 01030) u Fr Bartolomeu Mártires-S. Vítor (PT 01041), il-Kummissjoni tosserva, essenzjalment, li Stat Membru ma jistax jinħeles mill-obbligu li jiġbor u jikkomunika data li tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2008/50 billi jinvoka nuqqasijiet li għalihom huwa, barra minn hekk, l-uniku responsabbli. Xejn ma jippermetti li tiġi ssostanzjata l-allegazzjoni tar-Repubblika Portugiża li huwa probabbli li l-valur ta' limitu annwali jkun ġie osservat fl-2020 għall-punti ta' kampjunar ikkonċernati, minkejja l-assenza ta' data affidabbli.

35 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argument tar-Repubblika Portugiża dwar l-effett tas-sitwazzjoni relatata mal-kawża msejħa "dieselgate" fuq it-twettiq tal-għanijiet ta' tnaqqis tal-livelli ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali, il-Kummissjoni tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet argumenti simili

fis-sentenzi tal-24 ta' Ottubru 2019, Il-Kummissjoni vs Franza (Qbiż tal-valuri ta' limitu għad-dijossidu tan-nitroġenu) (C-636/18, EU:C:2019:900, punt 48), u tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri ta' limitu – $PM_{10}$) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 88).

36 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li l-allegazzjoni tar-Repubblika Portugiża dwar iż-żieda fl-użu tat-trasport individwali għad-detriment tat-trasport pubbliku fl-2020 ma hijiex ipprovata u ma tippermettix li jiġi konkluż li l-emissjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali fl-2020 kienu għoljin b'mod anormali.

37 Fil-kontroreplika tagħha, ir-Repubblika Portugiża twieġeb għall-argument tal-Kummissjoni li dan l-Istat Membru naqas milli jiġbor u jibgħat id-data relatata mal-punti ta' kampjunar PT 01030 u PT 01041 għas-sena 2020. Ir-Repubblika Portugiża tippreċiża li s-sostituzzjoni tal-analizzaturi difettużi kienet intiża preċiżament sabiex tiggarantixxi l-osservanza tar-rekwiżiti tal-kwalità tad-data previsti mid-Direttiva 2008/50 u li s-sejħa għal offerti għall-akkwist tal-analizzaturi l-ġodda tnediet biss fix-xahar ta' Ġunju 2021 minħabba restrizzjonijiet finanzjarji. Sadanittant, dawn l-analizzaturi kienu installati u issa huma operattivi.

38 Fl-aħħar nett, insostenn tal-allegazzjoni tagħha dwar iż-żieda fl-użu tat-trasport individwali għad-detriment tat-trasport pubbliku fl-2020, ir-Repubblika Portugiża tiċċita rapport ta' evalwazzjoni tal-impatt li tfassal mill-Instituto da Mobilidade e dos Transportes (l-Istitut tal-Mobbilità u tat-Trasport, il-Portugall). Hija tippreċiża li l-allegazzjoni tagħha ma hijiex intiża li tiġġustifika kwalunkwe żieda anormali tal-emissjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali għas-sena 2020, iżda pjuttost li tispjega li l-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali hija neċessarja sabiex tkun tista' terġa' tibda t-tendenza favur użu ikbar tat-trasport pubbliku, li kien jipprevali qabel il-pandemija tal-COVID-19.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

39 Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50, fir-rigward tad-$NO_2$, il-valuri ta' limitu indikati fl-Anness XI tagħha ma jistgħux jinqabżu mid-dati indikati f'dan l-anness.

40 It-Taqsima B tal-Anness XI ta' din id-direttiva tipprevedi li, fl-1 ta' Jannar 2010, il-valur ta' limitu għal kull sena kalendarja għad-$NO_2$ huwa stabbilit għal 40 $\mu g/m^3$.

41 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-ilment ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 13(1) tal-imsemmija direttiva għandu jiġi evalwat billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li l-proċedura prevista fl-Artikolu 258 TFUE hija bbażata fuq il-konstatazzjoni oġġettiva tan-nuqqas ta' osservanza minn Stat Membru tal-obbligi tiegħu taħt it-Trattat FUE jew minn att ta' dritt sekondarju (sentenzi tas-16 ta' Frar 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Valuri ta' limitu – $NO_2$, C-633/21, EU:C:2023:112, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-fatt li jinqabżu l-valuri ta' limitu stabbiliti mid-Direttiva 2008/50 għas-sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali huwa biżżejjed fih innifsu sabiex ikun jista' jiġi kkonstatat ksur tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 13(1) u tal-Anness XI ta' din id-direttiva (sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Valuri ta' limitu – $NO_2$, C-633/21, EU:C:2023:112, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Il-ksur tal-imsemmija dispożizzjonijiet qiegħed jiġi eżaminat f'dan il-kuntest fil-livell taż-żoni u tal-agglomerazzjonijiet, peress li l-qbiż tal-valuri limitu għandu jiġi analizzat għal kull żona jew agglomerazzjoni abbażi tal-qari mogħti minn kull stazzjon ta' kejl. Sabiex jiġi kkonstatat li nqabeż

valur ta' limitu stabbilit fl-Anness XI tal-imsemmija direttiva għall-medja kkalkolata għal kull sena kalendarja, huwa biżżejjed li livell ta' tniġġis li jaqbeż dan il-valur ta' limitu jitkejjel f'punt ta' kampjunar iżolat. Għaldaqstant, ma jeżistix limitu "*de minimis*" għal dak li jirrigwarda n-numru ta' żoni li fihom qbiż tal-valuri limitu jista' jiġi kkonstatat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri ta' limitu – $NO_2$), C-635/18, EU:C:2021:437, punti 86 u 87 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

44 F'dan ir-rigward, ma huwiex biżżejjed, sabiex tiġi prekluża l-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu sistematiku u persistenti taħt id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/50 u tal-Anness XI tagħha, li l-valuri ta' limitu msemmija hemmhekk ma jkunux inqabżu għal ċerti snin matul il-perijodu kopert mir-rikors. Fil-fatt, kif jirriżulta mid-definizzjoni stess tal-"valur ta' limitu", li tinsab fil-punt 5 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/50, dan għandu jintlaħaq, sabiex jiġu evitati, prevenuti jew imnaqqsa l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew l-ambjent kollu, f'terminu partikolari u ma għandux jinqabeż ladarba jintlaħaq (sentenza tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri ta' limitu – $PM_{10}$), C-644/18, EU:C:2020:895, punt 75).

45 F'dan il-każ, mill-argument tal-Kummissjoni jirriżulta li l-ewwel ilment tagħha jikkonċerna l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2010 sas-sena 2020 inkluża, filwaqt li l-opinjoni motivata tat-13 ta' Frar 2020, imsemmija fil-punt 13 ta' din is-sentenza, kienet tirrigwarda biss il-perijodu mis-sena 2010 sas-sena 2018 inkluża.

46 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, għalkemm is-suġġett ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, skont l-Artikolu 258 TFUE, huwa stabbilit mill-opinjoni motivata tal-Kummissjoni, b'tali mod li r-rikors għandu jkun ibbażat fuq l-istess raġunijiet u motivi bħal din l-opinjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fl-ipoteżi fejn, bħal f'dan il-każ, tali rikors huwa intiż sabiex jiġi kkonstatat nuqqas sistematiku u persistenti tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 13(1) u tal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50, il-produzzjoni ta' elementi addizzjonali intiżi, fl-istadju tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex isostnu l-ġeneralità u l-kostanza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu hekk allegat ma tistax tiġi eskluża bħala prinċipju. Għalhekk, is-suġġett ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegatament persistenti jista' jestendi għal fatti posterjuri għall-opinjoni motivata, sakemm dawn ikunu tal-istess natura u jikkostitwixxu l-istess aġir bħall-fatti kkunsidrati f'din l-opinjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri ta' limitu – $NO_2$), C-635/18, EU:C:2021:437, punti 47, 54 u 55 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

47 Fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, għandu jiġi kkonstatat li d-data relatata mas-snin 2019 u 2020 tikkostitwixxi fatti li seħħew wara l-opinjoni motivata tat-13 ta' Frar 2020, iżda li huma tal-istess natura bħal dawk li kienu msemmija fl-imsemmija opinjoni motivata u jikkostitwixxu l-istess aġir, b'tali mod li s-suġġett tar-rikors jista' jiġi estiż għalihom (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri ta' limitu – $NO_2$), C-635/18, EU:C:2021:437, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 F'dan ir-rigward, mid-data ċċitata fil-punti 20 sa 23 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali fit-tliet żoni inkwistjoni qabżu kunsiderevolment u regolarment il-valur ta' limitu annwali ta' 40 $\mu g/m^3$, bejn l-1 ta' Jannar 2010 u s-sena 2019 inkluża. Għandu jitfakkar li din id-data ġiet ikkomunikata mill-awtoritajiet Portugiżi stess u għalhekk ma hijiex ikkontestata.

49 Fir-rigward taż-żona ta' Lisboa Norte (PT-3001), il-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50 qatt ma ġie osservat matul dan il-perijodu. Fi kliem ieħor, il-qbiż ta' dan il-valur ta' limitu annwali kien permanenti mis-sena 2010 sas-sena 2019. Għaż-żona ta' Porto Litoral (PT-1004), l-imsemmi valur ta' limitu annwali ġie osservat, matul l-imsemmi perijodu, biss fl-2013 u fl-2020. Fi kliem ieħor, dan il-qbiż ippersista mis-sena 2010 sas-sena 2012 kif ukoll mis-sena 2014 sas-sena 2019. Fl-aħħar nett, fir-rigward taż-żona ta' Entre Douro e Minho (PT-1009), l-istess valur ta' limitu annwali ġie osservat, matul l-istess perijodu, biss fl-2011 u fl-2012. Fi kliem ieħor, l-imsemmi qbiż ġie kkonstatat fl-2010 u ġie interrott mis-sena 2013 sas-sena 2019.

50 Minn dan jirriżulta li, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 44 ta' din is-sentenza, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2010 sas-sena 2019 inkluża, il-qbiż ikkonstatat għandu jitqies bħala persistenti u sistematiku, mingħajr ma l-Kummissjoni tkun obbligata tipproduċi provi addizzjonali f'dan ir-rigward (ara b'analoġija, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri ta' limitu – $NO_2$), C-635/18, EU:C:2021:437, punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Il-fatt li l-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50 seta' jiġi osservat f'dawn iż-żoni b'mod iżolat, fl-2020, ma jfissirx li dan il-qbiż persistenti u sistematiku ntemm matul din is-sena.

52 Fir-rigward, fl-ewwel lok, taż-żona ta' Lisboa Norte (PT-3001), ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-qbiż huwa limitat għal punt ta' kampjunar wieħed. Issa, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 43 ta' din is-sentenza, huwa biżżejjed li livell ta' tniġġis ogħla mill-valur ta' limitu kkonċernat jitkejjel f'punt ta' kampjunar iżolat sabiex ikun jista' jiġi kkonstatat nuqqas ta' twettiq tal-obbligi taħt id-Direttiva 2008/50. Il-fatt li dan il-punt ta' kampjunar jinsab f'post ikkaratterizzat minn densità għolja ta' kostruzzjoni u ta' ċirkulazzjoni fit-toroq huwa irrilevanti f'dan ir-rigward.

53 Fit-tieni lok, fir-rigward taż-żoni ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009), għalkemm id-data kkomunikata mill-awtoritajiet Portugiżi ma rrilevatx qbiż fl-2020, għandu jiġi rrilevat li, minn naħa, kif irrikonoxxiet ir-Repubblika Portugiża, din kienet sena atipika, ikkaratterizzata mill-impatt tal-miżuri ta' konfinament marbuta mal-pandemija tal-COVID-19, b'tali mod li t-tnaqqis ikkonstatat fil-livelli ta' konċentrazzjoni ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali kien dovut għaċ-ċirkustanzi, u li fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 44 ta' din is-sentenza, ma huwiex biżżejjed, sabiex tiġi prekluża l-konstatazzjoni ta' nuqqas sistematiku u persistenti tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/50 u tal-Anness XI tagħha, li l-valuri ta' limitu msemmija fih ma jkunux inqabżu matul tali sena atipika.

54 Min-naħa l-oħra, din id-data ma tinkludi, għas-sena 2020, ebda riżultat li jikkonċerna żewġ punti ta' kampjunar fejn ġie kkonstatat qbiż ta' dan il-valur ta' limitu matul is-snin preċedenti, minħabba problemi funzjonali li affettwaw l-analizzaturi ta' $NO_2$ f'dawn iż-żoni. F'tali kuntest, peress li r-Repubblika Portugiża rrikonoxxiet li dawn il-problemi kienu diġà ġew identifikati fl-2017, mingħajr ma ttieħdu miżuri fi żmien xieraq sabiex jiġu solvuti, xejn ma jippermetti li tiġi ssostanzjata l-allegazzjoni tagħha li huwa probabbli li l-valur ta' limitu annwali ġie osservat f'dawn iż-żewġ punti ta' kampjunar fl-2020.

55 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument tar-Repubblika Portugiża dwar l-allegata ineffikaċja tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet tal-egżost, li ġiet irrivelata fil-kuntest tal-kawża tad-"dieselgate" fl-2015, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-approvazzjoni

tat-tip tal-vetturi bil-mutur ma tistax teżenta lill-Istati Membri mill-obbligu tagħhom li josservaw il-valuri limitu stabbiliti mid-Direttiva 2008/50 abbażi tal-għarfien xjentifiku u tal-esperjenza tal-Istati Membri b'mod li jirrifletti l-livell meqjus xieraq mill-Unjoni u mill-Istati Membri sabiex jevitaw, jipprevjenu jew inaqqsu l-effetti dannużi tas-sustanzi niġġiesa fl-arja fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kollu (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri ta' limitu – $NO_2$), C-573/19, EU:C:2022:380, punt 106 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Konsegwentement, l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud.

### *Fuq it-tieni ilment, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 23(1) u tal-Anness XV tad-Direttiva 2008/50*

*L-argumenti tal-partijiet*

57 Permezz tat-tieni lment tagħha, il-Kummissjoni ssostni li r-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha abbażi tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50/KE, moqri individwalment u flimkien mat-Taqsima A tal-Anness XV ta' din, fir-rigward taż-żoni ta' Lisboa Norte (PT-3001), ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009) u b'mod partikolari l-obbligu tagħha abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) ta' din id-direttiva, li tadotta l-miżuri adegwati sabiex il-perijodu ta' qbiż tal-valuri ta' limitu stabbiliti għas-sustanza niġġiesa kkonċernata jkun l-iqsar possibbli.

58 Il-Kummissjoni tfakkar li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50, l-Istati Membri għandhom jadottaw pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja fil-każ li jinqabżu l-valuri ta' limitu stabbiliti fl-Anness XI ta' din id-direttiva. Hija tosserva wkoll li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm l-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiddeterminaw il-miżuri li jkollhom jadottaw, dawn għandhom, fi kwalunkwe każ, jippermettu li l-perijodu li fih jinqabżu l-valuri ta' limitu għas-sustanza niġġiesa inkwistjoni jkun l-iqsar possibbli. Il-Kummissjoni tirreferi, f'dan ir-rigward, għas-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri ta' limiti – $NO_2$) (C-635/18, EU:C:2021:437, punt 142).

59 Skont il-Kummissjoni, ir-Repubblika Portugiża kienet għalhekk obbligata tadotta u timplimenta, fl-iqsar żmien possibbli, miżuri xierqa għal dan l-għan. Issa, fid-dawl tal-qbiż kunsiderevoli rreġistrat matul il-perijodu kkonċernat, b'mod sistematiku u persistenti, dan l-Istat Membru manifestament naqas milli jwettaq dan l-obbligu.

60 Fir-rigward taż-żona ta' Lisboa Norte (PT-3001), il-pjan dwar il-kwalità tal-arja għar-reġjun ta' Lisboa e Vale do Tejo, approvat fix-xahar ta' Frar 2019 u fis-seħħ fl-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, jiġifieri fil-15 ta' Ġunju 2020, ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-punt 8(b) u (ċ) tat-Taqsima A tal-Anness XV tad-Direttiva 2008/50.

61 Skont il-Kummissjoni, dan il-pjan, li kien jinkludi politiki u miżuri li kellhom jiġu implimentati sal-2020, iffokati prinċipalment fuq is-settur tat-trasport, huwa bbażat fuq data tas-sena 2014 u fuq sistema ta' mmudellar mhux realistika ħafna, li qatt ma ġiet aġġornata minkejja ż-żieda fil-livelli ta' konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali kkonstatata wara s-sena 2014. Barra minn hekk, l-imsemmi pjan kellu jiġi segwit mill-approvazzjoni ta' programm ta'

implimentazzjoni, li kien għadu ma ġiex approvat fil-15 ta' Ġunju 2020. Il-Kummissjoni tirrileva wkoll li l-istess pjan ma huwiex ċar fir-rigward tal-kontenut konkret ta' wħud mill-miżuri u dwar l-iskeda għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri.

62 Barra minn hekk, lil hinn min-nuqqasijiet tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja għar-reġjun ta' Lisboa e Vale do Tejo bħala tali, il-Kummissjoni ssemmi nuqqasijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri previsti minnu. Issa, il-Kummissjoni tinnota li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta jiġi kkonstatat qbiż tal-valuri ta' limitu, tali sitwazzjoni għandha twassal malajr kemm jista' jkun lill-Istat Membru kkonċernat mhux biss sabiex jadotta, iżda wkoll sabiex jimplimenta miżuri xierqa fi pjan dwar il-kwalità tal-arja, u l-marġni ta' manuvra li għandu dan l-Istat Membru fil-każ li jinqabżu dawn il-valuri ta' limitu huwa għalhekk, f'dan il-kuntest, limitat minn dan ir-rekwiżit. Il-Kummissjoni tirreferi, f'dan ir-rigward, għas-sentenza tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri ta' limitu – $PM_{10}$) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 150).

63 F'dan il-każ, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha sa fejn, anki meta dan il-pjan kien jipprevedi terminu preċiż għall-implimentazzjoni ta' miżura, dan it-terminu ma kienx ġie osservat f'diversi każijiet. Il-Kummissjoni għalhekk tirreferi għal diversi eżempji ta' miżuri li ma ġewx implimentati jew li ġew implimentati biss parzjalment.

64 B'hekk, fir-rigward tal-miżuri li ma ġewx implimentati, il-Kummissjoni tiċċita, b'mod partikolari, il-każ tal-miżura E 2 (Leġiżlazzjoni dwar iċ-ċirkulazzjoni ta' vetturi użati għal attivitajiet turistiċi fil-belt ta' Lisbona), li kienet tipprevedi terminu ta' 180 jum għall-adozzjoni ta' regolament muniċipali ta' implimentazzjoni. Dan ir-regolament muniċipali kien għadu ma ġiex adottat fil-15 ta' Ġunju 2020. Il-Kummissjoni tiċċita wkoll il-każ tal-miżura E 3.5 (Kurituri riżervati għall-karozzi tal-linja), li kien jipprevedi l-ħolqien ta' 8 kilometri (km) addizzjonali ta' kurituri riżervati għat-trasport pubbliku u li ma ġiex implimentat. Il-Kummissjoni ssemmi wkoll l-assenza ta' implimentazzjoni effettiva tal-miżuri P 1 (Tisħiħ tar-rekwiżit marbut maż-żona ta' emissjonijiet imnaqqsa – ZER – mill-belt ta' Lisbona) u E 1 (Tisħiħ tas-sorveljanza relatata maż-ŻER tal-belt ta' Lisbona), li l-awtoritajiet Portugiżi stess irrikonoxxew li kienu essenzjali biex tiġi żgurata l-konformità mal-valuri ta' limitu ta' $NO_2$. Fir-rigward tal-miżuri parzjalment implimentati, il-Kummissjoni tiċċita, b'mod partikolari, il-każ tal-miżura E 3.3 (Estensjoni tan-network ċiklabbli), li kienet tipprevedi estensjoni tan-network ċiklabbli minn 60 km għal 200 km, u li ġiet eżegwita biss parzjalment ħafna (106 km fl-2020).

65 Fir-rigward taż-żoni ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009), il-Kummissjoni tosserva li l-aħħar pjan dwar il-kwalità tal-arja għar-reġjun Norte, approvat fix-xahar ta' Ġunju 2014 u akkumpanjat minn programm ta' implimentazzjoni approvat fix-xahar ta' Settembru 2015, kien ikopri l-perijodu 2015–2017 u ma għadux fis-seħħ sa mis-sena 2018. Iż-żoni msemmija iktar 'il fuq għalhekk, attwalment, ma huma koperti minn ebda pjan dwar il-kwalità tal-arja. Tali sitwazzjoni tikkostitwixxi intrinsikament ksur fl-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50.

66 Barra minn hekk, il-pjan dwar il-kwalità tal-arja għall-perijodu 2015-2017, kif ġie implimentat mill-awtoritajiet Portugiżi, ma kienx konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 23(1) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-punt 8 tat-Taqsima A tal-Anness XV ta' din.

67 Fil-fatt, minn naħa, il-miżuri previsti minn dan il-pjan kienu insuffiċjenti, peress li, skont l-istimi tal-awtoritajiet Portugiżi stess, dawn il-miżuri setgħu jwasslu biss għal tnaqqis tal-medja annwali tal-konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali ta' madwar 4 $\mu g/m^3$ sa 5 $\mu g/m^3$. Fid-dawl tal-qbiż

irreġistrat fiż-żoni msemmija, tali tnaqqis ma kienx suffiċjenti sabiex jiġi osservat il-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50. Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, diversi miżuri previsti huma ġeneriċi u ma kinux is-suġġett ta' kwantifikazzjoni rigoruża f'termini ta' impatt mistenni. Il-Kummissjoni ssemmi l-każ tal-miżura M 3 (car pooling), li l-kontenut tagħha ma ġiex spjegat b'mod preċiż u l-impatt ma ġiex ikkwantifikat. Waħda mill-azzjonijiet allegatament implimentati taħt din il-miżura kienet sempliċi sensibilizzazzjoni tal-popolazzjoni, imwettqa permezz ta' pubblikazzjoni waħda fuq in-network soċjali Facebook.

68 Min-naħa l-oħra, l-imsemmija miżuri ma ġewx implimentati korrettament. Fil-fatt, skont il-Kummissjoni, ir-Repubblika Portugiża rrikonoxxiet implimentazzjoni parzjali ta' dawn il-miżuri, jiġifieri 59 %. Il-Kummissjoni tirrapporta għadd kbir ta' miżuri li ma ġewx implimentati jew li l-implimentazzjoni tagħhom kellha dewmien konsiderevoli.

69 Għalhekk, fir-rigward tal-miżuri li ma ġewx implimentati, il-Kummissjoni ssemmi, b'mod partikolari, l-eżempju tal-miżura M 8 (Żona b'emissjonijiet imnaqqsa) li kellha tkopri parti minn Matosinhos, Leça da Palmeira, Senhora da Hora u S. Mameda De Infesta u li bl-ebda mod ma ġiet implimentata fil-15 ta' Ġunju 2020. Fir-rigward tal-miżuri li kellhom dewmien kunsiderevoli fl-implimentazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni tiċċita, b'mod partikolari, il-miżura M 2 (Titjib tan-network tat-trasport pubbliku), li fir-rigward tagħha r-Repubblika Portugiża, barra minn hekk, ma pprovdiet ebda preċiżazzjoni fir-rigward tal-għanijiet speċifiċi previsti u lanqas fir-rigward tar-riżultati miksuba.

70 Sussidjarjament, il-Kummissjoni tippreżenta analiżi ta' miżuri oħra li, mingħajr ma jikkostitwixxu pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, fis-sens tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50, ġew madankollu ppreżentati mir-Repubblika Portugiża bħala miżuri li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali.

71 Il-Kummissjoni tirrileva li l-miżuri invokati għandhom portata nazzjonali u għalhekk ma għandhomx l-għan li jnaqqsu speċifikament il-konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fiż-żoni kkonċernati minn dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

72 Fir-rigward tal-Estratégia Nacional do Ar 2020 (Strateġija Nazzjonali għall-Arja 2020, iktar 'il quddiem l-"ENAR 2020"), il-Kummissjoni ssostni li din tikkostitwixxi lista ġenerika ta' miżuri li ma jistgħux jiġu implimentati direttament u li barra minn hekk ma jinkludux terminu ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, l-ENAR 2020 ma ġietx riveduta sa mill-adozzjoni tagħha fl-2016 u, li kieku kellha twassal għall-adozzjoni ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja iktar ambizzjużi għaż-żoni inkwistjoni, dawn kienu jkunu fi kwalunkwe każ tardivi, fid-dawl tal-qbiż tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għall-baħħar fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50 li ġie kkonstatat b'mod persistenti sa mis-sena 2010.

73 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-programmi ffinanzjati permezz tal-Fundo Ambiental (il-Fond għall-Ambjent, il-Portugall), jiġifieri programm ta' appoġġ għat-tnaqqis tat-tariffi tat-trasport pubbliku, programm ta' inċentiv għax-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi u programm ta' appoġġ għall-mobbiltà elettrika fi ħdan l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-Kummissjoni tosserva li l-portata ta' dawn il-programmi ma ġietx ikkwantifikata u li dawn ma jikkostitwixxux miżuri ta' appoġġ. L-istess japplika, skont il-Kummissjoni, għall-programm ta' stabbilizzazzjoni ekonomika u soċjali adottat fix-xahar ta' Ġunju 2020, li huwa intiż sabiex jippromwovi t-telexogħol, mingħajr kwantifikazzjoni tal-impatt tiegħu, u għall-kampanja nazzjonali "Por um pais com bom ar" (Għal pajjiż b'arja nadifa), intiża sabiex teduka u żżid l-għarfien taċ-ċittadini u tal-impriżi dwar il-prattiki tajba ambjentali.

74 Fir-risposta tagħha, ir-Repubblika Portugiża tikkontesta l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligu previst fl-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50. Hija ssostni, b'mod partikolari, li diversi miżuri ġew implimentati, kemm fil-livell taż-żoni kkonċernati kif ukoll fil-livell nazzjonali. Hija tippreċiża wkoll li n-nuqqasijiet allegati jikkonċernaw żoni b'densità għolja ħafna ta' popolazzjoni, b'emissjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali marbuta mat-traffiku fit-toroq u mad-drawwiet ta' mobbiltà.

75 Fir-rigward taż-żona ta' Lisboa Norte (PT-3001), ir-Repubblika Portugiża tindika li l-pjan dwar il-kwalità tal-arja għar-reġjun ta' Lisboa e Vale do Tejo jipprevedi diversi miżuri, miġbura fi tmien tipi ta' politiki, strutturati skont żewġ xenarji, jiġifieri, rispettivament, "xenarju bażiku", li jinkludi miżuri li qegħdin jiġu implimentati sal-2023, u "xenarju previst", li jinkludi miżuri li jistgħu jiżdiedu ma' dawk tax-xenarju bażi u li għadhom ma ġewx approvati.

76 Skont ir-Repubblika Portugiża, l-assenza ta' approvazzjoni tal-programm ta' implimentazzjoni tal-miżuri ma tipprekludix li wħud minnhom jiġu diġà applikati.

77 F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Portugiża tinnota li l-miżuri tax-xenarju bażi jistgħu jwasslu għal tnaqqis ta' 19 % tal-emissjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali għall-belt kollha ta' Lisbona. Biż-żieda tal-miżuri tax-"xenarju previst", ikun possibbli li dawn l-emissjonijiet jitnaqqsu b'madwar 23 % għal din il-belt kollha. L-iktar miżura sinjifikattiva hija dik marbuta mat-tiġdid tal-flotta tal-kumpannija tat-trasport pubbliku Carris. Ir-Repubblika Portugiża tikkunsidra li, jekk dawn il-miżuri kollha jiġu implimentati, ikun possibbli li jiġi osservat il-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ ambjentali mid-Direttiva 2008/50 fl-2023.

78 Fir-rigward taż-żoni ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009), ir-Repubblika Portugiża tirrikonoxxi li bħalissa ma hemm l-ebda pjan ġdid dwar il-kwalità tal-arja għalihom. Dan l-Istat Membru jammetti wkoll li l-pjan dwar il-kwalità tal-arja għall-perijodu 2015–2017 ma kellux l-impatt mistenni f'termini ta' tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali.

79 Madankollu, ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-awtoritajiet reġjonali jfittxu li jidentifikaw miżuri addizzjonali li jistgħu jikkontribwixxu għal tali tnaqqis, kif ukoll li jikkoordinaw ruħhom mal-awtoritajiet lokali ta' Porto, ta' Matosinhos u ta' Braga sabiex jevalwaw il-kapaċità tagħhom li jimplimentaw tali miżuri. Skont ir-Repubblika Portugiża, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-pandemija tal-COVID-19 dewwmet l-isforzi magħmula sabiex jitnaqqas il-qbiż ikkonstatat.

80 Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni tirrileva, b'mod ġenerali, li r-Repubblika Portugiża ma tinvokax elementi ġodda insostenn tal-pożizzjoni tagħha.

81 Fir-rigward taż-żona ta' Lisboa Norte (PT-3001), il-Kummissjoni ssostni li, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-fatt li l-awtoritajiet ikkonċernati għadhom ma adottawx programm ta' implimentazzjoni tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja approvat fl-2019 u fid-dawl tar-ritmu ta' eżekuzzjoni bil-mod ħafna kkonstatat sal-lum, il-miżuri meħuda u implimentati mir-Repubblika Portugiża ma jippermettux li jiġi żgurat li l-perijodu li fih jinqabżu l-valuri limitu stabbiliti għas-sustanza niġġiesa ikkonċernata jkun l-iqsar possibbli, b'tali mod li jiġi stabbilit nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50.

82 Fir-rigward taż-żoni ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009), fid-dawl tan-nuqqas ta' pjanijiet fis-seħħ dwar il-kwalità tal-arja u fid-dawl tar-ritmu ta' eżekuzzjoni bil-mod ħafna li ġie kkonstatat sal-lum, il-Kummissjoni tikkonkludi wkoll li kien hemm nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt din id-dispożizzjoni.

83 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tosserva li l-insuffiċjenza tal-miżuri adottati u implimentati mir-Repubblika Portugiża sa mis-sena 2010 sabiex tiżgura li l-perijodu li matulu jinqabżu l-valuri limitu stabbiliti għas-sustanza niġġiesa kkonċernata jkun l-iqsar possibbli ma jistax jiġi ġġustifikat minn pandemija li seħħet fl-2020.

84 Fil-kontroreplika tagħha, fir-rigward taż-żona ta' Lisboa Norte (PT-3001), ir-Repubblika Portugiża ttenni l-allegazzjoni tagħha li l-assenza ta' approvazzjoni formali tal-programm ta' implimentazzjoni tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja ma kellhiex l-effett li tipprekludi l-eżekuzzjoni tal-miżuri previsti abbażi tax-xenarju bażi. Uħud minn dawn il-miżuri twettqu permezz tal-Fond għall-Ambjent jew permezz ta' programmi ta' finanzjament tal-awtoritajiet lokali.

85 Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tal-miżura intiża għat-tiġdid tal-flotta tal-karozzi tal-linja tal-kumpannija tat-trasport pubbliku Carris, li tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali fil-belt ta' Lisbona sa 8 % minn issa sas-sena 2023. L-imsemmija miżuri, diġà fil-proċess ta' implimentazzjoni, huma intiżi li jiġu kkompletati b'miżura addizzjonali, li tikkonsisti f'li jiġu offruti biljetti ta' trasport pubbliku mingħajr ħlas għall-persuni li għandhom inqas minn 23 sena u ta' iktar minn 65 sena.

86 Fl-aħħar nett, ir-Repubblika Portugiża tirreferi għall-inizjattivi meħuda taħt l-ENAR 2020 u l-Fond għall-Ambjent, fil-livell nazzjonali, bħall-programm ta' inċentiv għax-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi u ta' appoġġ għall-mobbiltà elettrika fi ħdan l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Dawn l-inizjattivi, tas-sena 2017, kienu ta' benefiċċju, b'mod partikolari, għaż-żoni ta' Lisboa Norte (PT-3001), ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009).

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

87 Skont l-ewwel sat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50, meta, f'żona partikolari, il-livelli ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja ambjentali jaqbżu kwalunkwe valur ta' limitu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal din iż-żona sabiex jintlaħaq il-valur ta' limitu korrispondenti indikat fl-Anness XI ta' din id-direttiva. Fil-każ ta' qbiż ta' dawk il-valuri ta' limitu wara t-terminu previst għall-applikazzjoni tagħhom, dawn il-pjanijiet jipprevedu miżuri adegwati sabiex il-perijodu ta' qbiż ikun l-iqsar possibbli.

88 L-imsemmija pjanijiet jinkludu mill-inqas l-informazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness XV tal-imsemmija direttiva. Skont il-punt 8 tat-Taqsima A ta' dan l-anness, hija meħtieġa l-informazzjoni dwar il-miżuri adottati sabiex jitnaqqas it-tniġġis, inkluż l-elenkar u d-deskrizzjoni tal-miżuri kollha previsti fil-proġett ikkonċernat, l-iskeda għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, kif ukoll l-istima tat-titjib tal-kwalità tal-arja mistennija u tat-terminu previst għat-twettiq ta' dawn l-għanijiet.

89 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50 għandu portata ġenerali peress li japplika, mingħajr limitazzjoni *ratione temporis*, għall-qbiż ta' kwalunkwe valur ta' limitu ta' sustanza niġġiesa stabbilit minn din id-direttiva, wara t-terminu previst għall-applikazzjoni tiegħu, irrispettivament minn jekk dan jiġix stabbilit mill-imsemmija direttiva

jew mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 22 tagħha (sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri ta' limitu – $NO_2$), C-573/19, EU:C:2022:380, punt 152 u l-ġurisprudenza ċċitata).

90 Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/50 jistabbilixxi rabta diretta bejn, minn naħa, il-qbiż tal-valuri ta' limitu stabbiliti għad-$NO_2$ mid-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50 u tal-Anness XI ta' din id-direttiva u, min-naħa l-oħra, l-istabbiliment ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja (sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri ta' limitu – $NO_2$), C-573/19, EU:C:2022:380, punt 153 u l-ġurisprudenza ċċitata).

91 Dawn il-pjanijiet jistgħu jiġu stabbiliti biss abbażi tal-bilanċ bejn l-għan ta' tnaqqis tar-riskju ta' tniġġis u d-diversi interessi pubbliċi u privati preżenti sentenza (sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri ta' limitu – $NO_2$), C-573/19, EU:C:2022:380, punt 154 u l-ġurisprudenza ċċitata).

92 Għaldaqstant, il-fatt li Stat Membru jaqbeż il-valuri ta' limitu stabbiliti għad-$NO_2$ ma huwiex biżżejjed, waħdu, sabiex jitqies li dan l-Istat Membru jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu previsti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50 (sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri ta' limitu – $NO_2$), C-573/19, EU:C:2022:380, punt 155 u l-ġurisprudenza ċċitata).

93 Madankollu, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50 jirriżulta li, għalkemm l-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' manuvra fid-determinazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu adottati, dawn għandhom, fi kwalunkwe każ, jippermettu li l-perijodu ta' qbiż tal-valuri ta' limitu stabbiliti għas-sustanza niġġiesa kkonċernata jkun l-iqsar possibbli (sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri ta' limitu – $NO_2$), C-573/19, EU:C:2022:380, punt 156 u l-ġurisprudenza ċċitata).

94 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi vverifikat permezz ta' analiżi ta' każ b'każ, jekk il-pjanijiet stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat humiex f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50 (sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri ta' limitu – $NO_2$), C-573/19, EU:C:2022:380, punt 157 u l-ġurisprudenza ċċitata).

95 Tali analiżi każ b'każ għandha tirrigwarda wkoll il-kwistjoni dwar jekk il-miżuri adottati ġewx effettivament implimentati. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, meta jiġi kkonstatat qbiż tal-valuri ta' limitu, tali sitwazzjoni għandha twassal malajr kemm jista' jkun lill-Istat Membru kkonċernat mhux biss sabiex jadotta, iżda wkoll biex jimplimenta miżuri xierqa fi pjan dwar il-kwalità tal-arja, peress li l-marġni ta' manuvra li għandu dan l-Istat Membru fil-każ ta' qbiż ta' dawn il-valuri ta' limitu huwa għalhekk, f'dan il-kuntest, limitat minn dan ir-rekwiżit (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri ta' limitu – $PM_{10}$), C-644/18, EU:C:2020:895, punt 150).

96 F'dan il-każ, fir-rigward taż-żona ta' Lisboa Norte (PT-3001), jidher li l-pjan dwar il-kwalità tal-arja, fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2020, kellu nuqqasijiet sa fejn kien ibbażat fuq data, mhux aġġornata, li tmur lura għas-sena 2014, u li kienet tinkludi lakuni fir-rigward tal-kontenut konkret ta' ċerti miżuri, kif ukoll tal-iskeda ta' implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri.

97 Barra minn hekk, dan il-pjan kellu jkun akkumpanjat minn programm ta' implimentazzjoni li, fil-15 ta' Ġunju 2020, ma kienx ġie approvat formalment. Anki jekk, kif issostni r-Repubblika Portugiża, dan in-nuqqas ta' approvazzjoni ma pprekludiex l-adozzjoni ta' serje ta' miżuri, mill-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni, u mhux ikkontestata mir-Repubblika Portugiża jirriżulta li l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri kienet tardiva u parzjali. Barra minn hekk, mill-indikazzjonijiet tar-Repubblika Portugiża jirriżulta li l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha previsti jistgħu jwasslu għall-osservanza tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali mid-Direttiva 2008/50, mhux qabel l-2023.

98 Fi kwalunkwe każ, peress li l-qbiż tal-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$ fl-arja ambjentali permezz tad-Direttiva 2008/50 ippersista mis-sena 2010 sas-sena 2020 inkluża, għandu jiġi kkonstatat li l-miżuri adottati u implimentati mill-awtoritajiet Portugiżi manifestament ma ppermettewx li jiġi żgurat li l-perijodu li matulu jinqabżu l-valuri ta' limitu stabbiliti għas-sustanza niġġiesa kkonċernata jkun l-iqsar possibbli, b'tali mod li jiġi stabbilit in-nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 23(1) ta' din id-direttiva, moqri individwalment u flimkien mat-Taqsima A tal-Anness XV ta' din.

99 Fir-rigward taż-żoni ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009), għandu jiġi rrilevat li r-Repubblika Portugiża tammetti l-assenza ta' kull pjan dwar il-kwalità tal-arja sa mis-sena 2017. Kif sostniet ġustament il-Kummissjoni, tali sitwazzjoni tikkostitwixxi, fiha nnifisha, nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50, fid-dawl tal-qbiż ikkonstatat f'dawn iż-żoni.

100 Fir-rigward tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja għall-perijodu 2015–2017, għandu jiġi kkonstatat li l-miżuri adottati kienu intrinsikament insuffiċjenti, fid-dawl tal-istimi tal-awtoritajiet Portugiżi stess. Barra minn hekk, skont l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u mhux ikkontestata mir-Repubblika Portugiża, l-implimentazzjoni tagħha rriżultat tardiva u parzjali. Ir-Repubblika Portugiża stess tammetti li dan il-pjan ma kellux l-impatt mistenni f'termini ta' tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali u li, minkejja din il-konstatazzjoni, ebda pjan ġdid ma ġie adottat wara s-sena 2017.

101 F'dan ir-rigward, l-argument tar-Repubblika Portugiża bbażat fuq l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri xierqa ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, kif irrilevat il-Kummissjoni, l-insuffiċjenza tal-miżuri li kellhom jiġu adottati u implimentati sa mis-sena 2010 sabiex jiġi żgurat li l-perijodu li matulu jinqabżu l-valuri ta' limitu stabbiliti għas-sustanza niġġiesa kkonċernata jkun l-iqsar possibbli ma tistax tiġi ġġustifikata minn pandemija li seħħet fl-2020.

102 Fl-aħħar nett, l-eżistenza ta' inizjattivi fil-livell nazzjonali li jistgħu, indirettament, itejbu l-kwalità tal-arja fiż-żoni kkonċernati ma tistax tindirizza n-nuqqasijiet, u wisq inqas l-assenza, ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal dawn iż-żoni. Fil-fatt, mill-Artikolu 23 mill-Anness XV tad-Direttiva 2008/50 jirriżulta b'mod ċar li l-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi pjan dwar il-kwalità tal-arja, li jinkludi miżuri xierqa, għal kull żona kkonċernata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument tar-Repubblika Portugiża dwar l-inizjattivi meħuda fil-kuntest tal-istrateġija tal-ENAR 2020 u tal-Fond għall-Ambjent, u l-impatt tagħhom fuq il-konċentrazzjonijiet ta' $NO_2$ fl-arja ambjentali fl-imsemmija żoni, ma jistax jirnexxi.

103 In-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti tal-Artikolu 23(1) u tal-Anness XV tad-Direttiva 2008/50 huwa għalhekk stabbilit ukoll għaż-żoni ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009).

104 Għalhekk, it-tieni lment għandu jiġi milqugħ.

105 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika Portugiża:

– billi qabżet, b'mod sistematiku u persistenti, il-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-$NO_2$, mill-1 ta' Jannar 2010 sas-sena 2020 inkluża, fiż-żoni ta' Lisboa Norte (PT-3001), ta' Porto Litoral (PT-1004) u Entre Douro e Minho (PT-1009), naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50, moqri flimkien mat-Taqsima B tal-Anness XI ta' din id-direttiva; u

– fir-rigward ta' dawn iż-żoni kollha, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50/KE, moqri individwalment u flimkien mat-Taqsima A tal-Anness XV ta' din id-direttiva, u, b'mod partikolari, l-obbligu tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) ta' din li tadotta miżuri adegwati sabiex il-perijodu ta' qbiż tal-valur ta' limitu jkun l-iqsar possibbli.

**Fuq l-ispejjeż**

106 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Repubblika Portugiża tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) Ir-Repubblika Portugiża:**

– **billi qabżet, b'mod sistematiku u persistenti, il-valur ta' limitu annwali stabbilit għad-dijossidu tan-nitroġenu ($NO_2$), mill-1 ta' Jannar 2010, fiż-żoni ta' Lisboa Norte (PT-3001), ta' Porto Litoral (PT-1004) u ta' Entre Douro e Minho (PT-1009), ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU 2008, L 152, p. 1), moqri flimkien mat-Taqsima B tal-Anness XI ta' din id-direttiva, u**

– **fir-rigward ta' dawn iż-żoni kollha, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50/KE, moqri individwalment u flimkien mat-Taqsima A tal-Anness XV ta' din id-direttiva, u, b'mod partikolari, l-obbligu tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) ta' din li tadotta miżuri adegwati sabiex il-perijodu ta' qbiż tal-valur ta' limitu jkun l-iqsar possibbli.**

**2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem